Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 306/2011

**R T**
**vs**
**K B; V B, l-Avukat Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b' digriet tas-7 ta' Novembru 2011 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lit-tifel minuri H B L; Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur R T li permezz tieghu wara li ppremetta:

1. Illi l-esponenti ilu f' relazzjoni ma' l-intimata V B ghal dawn l-ahhar cirka 4 snin nonostante illi sallum l-istess ghadha ma hijiex legalment separata;

2. Illi l-esponent u l-intimata V B kellhom tarbija minn din ir-relazzjoni bl-isem ta' H B L li twieled nhar l-1 ta'

Marzu 2011 dana kif jidher mic-certifikat tat-twelid li jindika lill-intimat K B bhala l-missier.

3. Illi l-minuri gie registrat fir-Registru Pubbliku mill-intimata b' Att tat-Twelid bin-numru 909 tas-sena 2011 li jindika lill-intimat K B bhala l-missier naturali;

4. Illi minkejja li t-tifel minuri gie registrat bhala t-tifel naturali ta' l-intimat K B stante li twieled matul iz-zwieg ma' l-intimata V B, l-intimata kienet ghal aktar minn 300 gurnata qabel it-twelid ma tghammarx ma' l-istess K B u di piu ezami genetiku juri illi l-esponenti huwa l-missier tal-minuri H;

5. Illi kontestwalment r-rikorrenti qieghed jipprezenta rikors sabiex jinhatru deputati kuraturi sabiex jirraprezentaw il-minuri H B.

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghar-ragunijiet suesposti, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri H B ma huwiex il-wild naturali ta' l-intimat K B izda huwa l-wild naturali tar-rikorrenti Emmanuel T;

2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri H B bin-numri ta' iskrizzjoni 909 tas-sena 2011 jaghmel is-sostituzzjonijiet mehtiega billi fejn fl-att hemm referenza ghall-konnotati ta' missier it-tarbija, il-kliem K B jigu sostitwiti bis-segwenti konnotati:

R T, iben Joseph u Maria-Anna nee' Saliba, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 33557(M), imwieled Pieta' residenti Naxxar.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti tal-attur.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha ssottometta:

1. Illi in vena preliminari jinghad li stante l-fatt li ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri H B L, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri H B L, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghall-procediment tal-azzjoni odjerna.

2. Ili preliminarjament l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b' mod partikulari dwar il-paternita' tal-minuri H B L, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-risultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla hsara ghal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti jrid jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata qabel it-twelid tal-minuri H B L, l-intimata V B kienet wettqet adulterju mal-attur R T u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel tal-intimata K B bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri H B L, u dan ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinciment juru li l-pussess ta' stat tal-minuri H B L ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu;

5. Illi bla hsara ghal dak fuq premess, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess R T sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament l-eta' tieghu meta twieled il-minuri H B L, il-post tat-twelid tieghu meta twieled l-imsemmi u jekk missieru kienx ghadu haj meta twieled it-tifel H B L. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit H B L;

6. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti l-minuri H B L irid jaghzel liema kunjom ha jzomm wara l-annotazzjoni rispettivi;

7. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem K B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringila dejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 909/2011;

8. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m' ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku,

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Lulju 2012 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-attur sabiex tawtorizzah jipprosegwi bl-azzjoni odjerna nonostante li ma gietx preceduta b'rikors ai termini tal-artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012 din il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha;

Ikkonsidrat;

Mic-certifikat tat-twelid tal-minuri H B L jirrizulta illi fir-Registru Pubbliku il-genituri tal-imsemmi minuri huma indikati bhala l-konvenuti K B u V B nee' L.

Fl-affidavit tieghu l-attur jispjega li huwa kien mizzewweg u l-mara tieghu mietet circa seba' snin ilu. Minn dak iz-zwieg huwa kellu sitt itfal, illum kollha maggorenni, tlieta minnhom mizzewgin u tlieta ghadhom jghixu mieghu.

Huwa ilu f'relazzjoni mal-konvenuta V B ghal dawn l-ahhar hames snin u ilha toqghod fid-dar tieghu ghal dawn l-ahhar erba' snin. Minn din ir-relazzjoni twieled H B L fl-1 ta' Marzu 2011. Huwa ghamel it-testijiet genetici sabiex ikollu prova xjentifika li hu il-missier tal-minuri imsemmi.

L-attur ipproduca b'xhud lil ibnu Dom Daniel Cutajar li xhed li ommu mietet xi seba' snin ilu u li ghadu joqghod ma' missieru. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenuta V B toqghod ukoll fid-dar ta' missieru l-attur u li missieru u V B kellhom tifel li semmewh H.

Il-konvenuta V B xhedet li ilha separate *de facto* mill-konvenut K B ghal dawn l-ahhar hames snin. Sussegwentement dahlet f'relazzjoni mal-attur R T u ilha f'din ir-relazzjoni ghal dawn l-ahhar erba' snin. Minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri H fl-1 ta' Marzu 2011. Hija kkonfermat li r-relazzjoni li hija ghandha mal-attur hija wahda esklussiva.

L-attur ipproduca wkoll bhala xhud lill-analista Dr Marisa L illi hejjiet *DNA Paternity Test Report* datat 17 ta' Marzu 2011 wara li hadet *swabs* minn fuq l-attur R T, minn fuq il-konvenuta V B u u minn fuq il-minuri H B L. Dr L iddikjarat li l-attur R T huwa l-missier biologiku tal-minuri H u dan fuq probabilita' ta' 99.9999%.

Jirrizulta wkoll li din il-prova xjentifika taqbel mal-pussess ta' stat tal-minuri stante li mit-twelid tieghu ilu jghix mal-attur u l-konvenuta V B.

Il-Qorti hi tal-fehma li dak rikjest mill-artikoli 77A u 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gie sodisfacentement ippruvat

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku referibbli ghall-htiega li jekk ikun ghadda aktar minn sitt xhur mid-data tat-twelid tal-minuri, jkun mehtieg li jintalab il-permess tal-Qorti qabel ma wiehed jipprocedi b'kawza, jirrizulta li b'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju 2012 l-attur gie awtorizzat jipprosegwi b'din il-kawza nonostante li ma kienx talab l-

awtorizzazzjoni qabel. Huwa evidenti li l-hsieb tal-Legislatur wara l-artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kien sabiex jigi protet il-minuri milli jkollu l-istat ta' fatt tieghu attakkat b'detriment serju ghalih. Fil-kawza odjerna gie ppruvat li meta giet intavolata l-kawza odjerna l-minuri kien ghad ghandu biss seba' xhur u nofs u li mill-jum tat-twelid tieghu l-istat ta' fatt kien li huwa iben l-attur R T u l-konvenuta V B.

**Decide.**

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tiddisponi mit-talbiet attrici u mir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku bil-mod segwenti:-

1. Tiddikjara li l-intempestivita' tal-azzjoni giet sanata bid-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Lulju 2012 .
2. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-minuri H huwa il-wild biologiku tal-attur R T u mhux tal-konvenut K B.
3. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registgru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri H bin-numru ta' iskrizzjoni 909 / 2011, jikkancella l-isem u l-konnotati tal-konvenut K B bhala missier it-tarbija u minflok inizzel bhala missier it-tarbija lill-attur R T, karta ta' l-identita' numru 33557M, ta' 54 sena, iben il-mejjet Joseph T, imwieled Pieta' u joqghod in-Naxxar u fid-dettalji ta' V B jigu kancellati l-kliem "the said".

Bl-ispejjez kontra l-attur R T u l-konvenuta V B f'ismha indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------